




## INIZJATTIVA TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ

Kif tiġi abbozzata inizjattiva taç-ċittadini ewropej



## | WERREJ

Ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej	3
L-abbozzar tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej	4



# 1

## Ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tagħti liċ-ċittadini tal-UE l-opportunità unika biex ipoġġu l-interessi tagħhom b'mod dirett fil-qalba tat-tfassil tal-politika Ewropea billi jistaqsu lill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) biex tipproponi leġiżlazzjoni dwar materja tal-kompetenza tagħha. Jekk l-inizjattiva jirnexxilha tiġbor miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tipproponi att legali. Imbagħad tibda l-proċedura leġiżlattiva, li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jiddeċiedu flimkien (f'ċerti każijiet, jiddeċiedi biss il-Kunsill).

Bħala organizzatur tal-inizjattiva, l-ewwel pass hu li tirreġistra l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni. Ir-reġistrazzjoni tista' biss issir jekk il-proposta tissodisfa l-erba' kundizzjonijiet li ġejjin:

- il-grupp ta' organizzaturi jkun ġie fformat u l-persuni ta' kuntatt ikunu ġew innominati. B'mod fakultattiv, inħolqot entità ġuridika bl-għan li tmexxi l-inizjattiva u r-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi ngħata l-mandat li jaġixxi f'isem l-entità ġuridika;
- l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta b'mod manifestat ma' tmurx lil hinn mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni biex din tkun tista' tissottometti proposta għal att legali tal-Unjoni biex jiġu implimentati t-Trattati;
- l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja;
- l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-UE kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jaġhmlu parti minn minoranzi kif ukoll il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

L-inizjattivi kollha li r-reġistrazzjoni tagħhom kienet rifjutata s'issa kienu identifikati li jaqgħu "b'mod manifestat barra" s-setgħat tal-Kummissjoni. Id-deċiżjonijiet ta' rifjut jistgħu jiġu kkonsultati fis-sit web tal-Kummissjoni.

Din in-nota ta' gwida se tagħtik parir dwar kif tabbozza l-inizjattiva proposta tiegħek u tgħinek tikseb xi għarfien dwar il-qafas ta' ħidma tas-setgħat tal-Kummissjoni li hu importanti biex jiġi żgurat li tista' tkun reġistrata l-inizjattiva tiegħek.



## 2

# L-abbozzar tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

Is-suġġerimenti li ġejjin se jiggwidaw fit-taqsimiet li se tintalab tipprovdi sabiex tirreġistra l-inizjattiva tiegħek. Din l-informazzjoni se tkun ukoll pubblika fis-sit [web](#) tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej meta tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva tiegħek. Il-Kummissjoni se tipprovdi t-traduzzjoni tal-kontenut tal-inizjattiva (titlu u objettivi), inkluż l-anness b'massimu ta' 5000 karattru, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

### | Titlu (massimu ta' 100 karattru):

It-titlu probabbilment se jkun l-aħħar pass li taħseb dwaru meta tippreżenta l-inizjattiva tiegħek, prinċipalment meta jkollok idea ċara dwar il-proposta tiegħek. Madankollu, hu essenzjali li taħseb f'it dwar it-titlu tal-inizjattiva tiegħek billi dan se jkun parti mill-“marka” tiegħek flimkien mal-identità viżwali (eż. logo).

Il-ġbir ta' miljun firma se jkun sfida b'mod speċjali għax se jkun jeħtieġlek tikkonvinċi ċittadini li mhumiex familjari mas-suġġett tal-inizjattiva tiegħek. Titlu li jattira jista' jibdel is-sitwazzjoni b'mod speċjali meta tipprova taqbad l-ewwel attenzjoni għall-kawża tiegħek.

### | Objettivi (mass. 1 100 karattru mingħajr spazju):

Jeħtieġlek tispeċifika liema “azzjoni legali tal-Unjoni” tixtieq li l-Kummissjoni tipproponi:

- Dan għandu jkun f'qasam li fih hi kompetenti l-Kummissjoni;
- Dan jista' jkun leġiżlazzjoni li torbot jew att li ma jorbotx (eż. Rakkomandazzjoni).

Ftakar: f'ċerti oqsma, il-leġiżlazzjoni li torbot ma tistax twassal armonizzazzjoni fil-liġijiet tal-Istati Membri.



## Suġġerimenti

- Ikkunsidra li tagħmel verżjoni qasira u twila tat-titlu tiegħek - l-inizjattiva tiegħek tista' tkun verament teknika, għalhekk titlu qasir jista' ma jkunx biżżejjed biex jispjegaha b'mod komprensiv. Madankollu, verżjoni qasira hi importanti b'mod speċjali għall-finijiet tal-media soċjali/tal-kampanja.
- Ikkunsidra kif it-titlu se jkun tradott b'lingwi oħrajn – tinsix li jeħtieġlek tkun kemm jista' jkun possibbli konvinċenti għaċ-ċittadini mhux biss fil-lingwa tiegħek iżda wkoll f'lingwi Ewropej oħrajn!
- Tistenniex sal-aħħar minuta biex tiddeċiedi dwar it-titlu – jekk tixtieq tikkonsulta mas-sħab tiegħek dwar it-titlu, ibda l-proċess immedjatament billi dan jista' jjeħu ż-żmien sabiex kulħadd jaqbel dwaru.

Għandek b' mod ċar (u fil-qosor) tartikola l-oġġettivi ewlenin li għandhom jitwettqu mill-inizjattiva proposta. L-oġġettivi ewlenin għandhom jiċċaraw liema eżiti qed ikunu mfttxijin mill-inizjattiva proposta. Pereżempju:

- L-ECI "Intemmu l-Ekoċidju fl-Ewropa: Inizjattiva taċ-Ċittadini li tagħti Dritt lid-Dinja":  
*"1. Nikkriminalizzaw l-Ekoċidju u niżguraw li persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli talli jwettqu Ekoċidju skont il-prinċipju ta' responsabbiltà superjuri. 2. Il-projbizzjoni u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe Ekoċidju fit-territorji Ewropej jew fit-territorji marittimi li jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll atti barra l-UE mwettqin minn persuni ġuridiċi reġistrati jew ċittadini tal-UE. 3. Jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni biex tkun iffaċilitata ekonomija sostenibbli"*

## | X'inhuma l-kompetenzi tal-UE?

Il-kompetenzi tal-Unjoni huma ddefiniti fit-Trattati tal-UE (l-Artikoli 2-6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – TFUE).

Kompetenza esklużiva (ara l-Artikolu 3 tat-TFUE)	Kompetenza maqsuma (ara l-Artikolu 4 tat-TFUE)	Kompetenza biex tappoġġja, tikkoordina jew tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri (ara l-Artikolu 6 tat-TFUE)	Kompetenza li tipprovdi ftehimiet li fi fhdan l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkoordinaw il-politika (ara l-Artikolu 5 tat-TFUE)
<ul style="list-style-type: none"> <li>• l-unjoni doganali</li> <li>• l-istabbiliment tar-regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern</li> <li>• il-politika monetarja għall-istati membri li jużaw l-euro</li> <li>• il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politika komuni tas-sajd</li> <li>• il-politika kummerċjali komuni</li> <li>• il-konklużjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali:               <ul style="list-style-type: none"> <li>- meta l-konklużjoni tagħhom hi meħtieġa minn att leġiżlattiv tal-UE</li> <li>- meta l-konklużjoni tagħhom hi meħtieġa biex tippermetti lill-UE teżerċita l-kompetenzi interni tagħha</li> <li>- sakemm il-konklużjoni tagħhom tista' taffettwa regoli komuni jew tiddel l-ambitu tagħhom.</li> </ul> </li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• is-suq intern</li> <li>• il-politika soċjali, limitata għall-aspetti ddefiniti fit-TFUE</li> <li>• il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</li> <li>• l-agrikoltura u s-sajd, eskluża l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar</li> <li>• l-ambjent</li> <li>• il-protezzjoni tal-konsumatur</li> <li>• it-trasport</li> <li>• in-networks trans-Ewropej</li> <li>• l-enerġija</li> <li>• iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja</li> <li>• il-kwistjonijiet ta' sigurtà komuni fis-saħħa pubblika, limitati għall-aspetti ddefiniti fit-TFUE</li> <li>• ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju</li> <li>• il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem</li> <li>• l-industrija</li> <li>• il-kultura</li> <li>• it-turiżmu</li> <li>• l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażaġh u l-isport</li> <li>• il-protezzjoni ċivili</li> <li>• il-kooperazzjoni amministrattiva</li> </ul> <p>Atti tal-UE li jorbtu legalment f'dawn l-oqsma ma jistgħux jimplikaw l-armonizzazzjoni tal-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali.</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• il-politika ekonomika</li> <li>• l-impjeggi</li> <li>• il-politiki soċjali</li> </ul>



### Suġġeriment

- żomm l-oġġettivi tiegħek ċari u ffokati!

## Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati li tqisu rilevanti għall-azzjoni proposta:

Għandek tidentifika dispożizzjoni waħda jew diversi tat-Trattati li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex taġixxi fil-kompetenza rilevanti.

Oqsma ta' politika	L-Artikoli tat-Trattat (TFUE*, ħliet jekk ikun provdut xort'oħra)
Agrikultura u sajd	Artikoli 38 – 44
Baġit	Artikoli 310 – 324
Protezzjoni Ċivili	Artikolu 196
Kompetizzjoni	Artikoli 101 – 109
Protezzjoni tal-konsumatur	Artikolu 169
Kultura	Artikolu 167
Dwana	Artikoli 30 – 33
Żvilupp u kooperazzjoni	Artikoli 208 – 213
Politiki ekonomiċi u monetarji	Artikoli 119 – 144
Edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġħ u sport	Artikoli 165 – 166
Impjiegi u affarijiet soċjali	Artikoli 145 – 161
Enerġija	Artikolu 194
Tkabbir	TUE* – Artikolu 49, Artikolu 212
Ambjent u azzjoni dwar il-klima	Artikoli 191 – 193
Kummerċ Estern	Artikoli 206 – 207
Ġlieda kontra l-frodi	Artikolu 325
Sikurezza alimentari	Artikoli 43, 168 – 169
Moviment liberu:	
Persuni	Artikoli 45 – 55
Servizzi	Artikoli 56 – 62
Kapital	Artikoli 63 – 66
Għajnuna umanitarja	Artikolu 214
Industrija u intrapriża	Artikolu 173
Soċjetà tal-informazzjoni	Artikoli 179 – 190
Suq intern u moviment liberu ta' merkanzija	Artikoli 26 – 29, 114, 115
Ġustizzja, libertà u sigurtà	Artikoli 67 – 89
Politiki dwar il-kontrolli mal-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni	Artikoli 77 – 80
Kooperazzjoni ġudizzjarja	Artikoli 81 – 86
Kooperazzjoni tal-pulizija	Artikoli 87 – 89
Non-diskriminazzjoni u ċittadinanza	Artikoli 18 – 25
Saħħa pubblika	Artikolu 168
Politika reġjonali – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	Artikoli 174 – 178, Artikoli 162 – 164
Riċerka u innovazzjoni	Artikoli 179 – 190
Tassazzjoni	Artikoli 110 – 113
Turiżmu	Artikolu 195
Trasport	Artikoli 90 – 100

NB: Din il-lista tkopri l-oqsma ta' politika wesgħin stipulati fit-Trattati tal-UE u mhix lista eżawrjenti. Jekk jogħġob ikkonsulta t-test sħiħ tat-Trattati għal aktar informazzjoni.

\* TFUE = Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea TUE = Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

It-test hawn fuq hu intiż bħala gwida għall-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini. Ma jorbotx legalment lill-Kummissjoni Ewropea. Ma jiddikjarax li hi informazzjoni eżawrjenti u ma jirrappreżentax interpretazzjoni uffiċjali tat-test tat-Trattati.

Għalkemm għandek tipprovdi fir-reġistru online tal-Kummissjoni d-**dispożizzjonijiet tat-Trattati** li int tikkunsidra rilevanti għall-azzjoni proposta, fil-prattika **l-inizjattiva tiegħek se tkun reġistrata anki jekk** tipprovdi dispożizzjonijiet li mhumiex korretti, **sa kemm l-inizjattiva tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari li ma taqax b'mod manifestat barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni biex tissottometti proposta għal att legali tal-Unjoni.**

Jekk madankollu l-inizjattiva tiegħek taqa' b'mod manifestat barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tinfirmak dwar il-valutazzjoni tagħha u tkun tista' **temenda u tissottometti mill-ġdid l-inizjattiva tiegħek** f'konformità mar-rekwiżiti.

L-inizjattiva tiegħek tista' wkoll tkun **reġistrata parzjalment** jekk parti minnha, inklużi l-oġġettivi ewlenin tagħha, ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni. F'dan il-każ, tkun tista' tiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ biss fir-rigward tal-ambitu tar-reġistrazzjoni.

## | **Informazzjoni fakultattiva:**

Jekk tixtieq tipprovdi informazzjoni aktar iddettaljata dwar is-suġġett, l-oġġettivi u l-isfond tal-inizjattiva tiegħek, tista' żżid:

- anness li juża l-qasam xieraq (massimu 5 000 karattru);
- informazzjoni addizzjonali li tinkludi informazzjoni ta' sfond aktar iddettaljata (li trid tiġi applowdjata);
- abbozz ta' att legali (għandu jiġi applowdjat).

Jekk jogħġbok, innota li t-**traduzzjoni ta' informazzjoni addizzjonali** dwar l-inizjattiva u, jekk hemm, tal-**abbozz tal-att legali** mhix se tkun ipprovduta mill-Kummissjoni u hi **r-responsabbiltà tal-grupp tal-organizzaturi.**

Diversi organizzaturi ddeċidew li jipprovdu informazzjoni addizzjonali fid-dokument anness mal-inizjattivi tagħhom, inklużi tlieta minn dawk li ġabru miljun firma, pereżempju:

- Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u s-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali
- Stop Vivisection
- Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi
- Inizjattiva Ewropea għall-Pluraliżmu tal-Media

Tista' tiffirma l-anness kif tippreferi biex tispjega u ssaħħaħ l-inizjattiva tiegħek u l-oġġettiv tagħha. M'hemmx limiti fil-karattri u fl-immaġnijiet sakemm il-fajl għandu massimu ta' 5MB.



Abbozzi tal-atti legali huma wisq anqas komuni iżda kienu inklużi f'xi inizjattivi, pereżempju:

- [Europe CARES](#) - Edukazzjoni ta' Kwalità Inklużiva għat-Tfal b'Diżabbiltà
- [One of us](#)
- [Mum, Dad and Kids](#)
- [Stop Plastic in the Sea](#)

Dawn l-elementi addizzjonali kollha jistgħu jgħinuk tikkomunika l-objettivi tal-inizjattiva tiegħek matul il-fażi ta' reġistrazzjoni inizjali, matul il-għbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u fil-fażi ta' eżaminazzjoni finali mill-Kummissjoni.

Jekk l-inizjattiva tiegħek tiġbor miljun firma, il-Kummissjoni se tibda l-fażi ta' eżaminazzjoni li se tikkunsidra l-kontenut kollu kif reġistrat, inklużi l-anness, l-informazzjoni addizzjonali, inkluż l-abbozz tal-att legali. Għalhekk, hu importanti li tinkludi l-informazzjoni kollha li tixtieq lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ewwel mal-fażi tar-reġistrazzjoni għax mhux se jkollok l-opportunità biex iżżid dawn id-dettalji fakultattivi fi stadju aktar tard!

*Jekk teħtieġ parir jew valutazzjoni personalizzati jew indipendenti dwar jekk l-inizjattiva tiegħek taqax b'mod manifestat barra mis-setgħat tal-Kummissjoni, mur fit-taqasima Fittex parir tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u sottometti mistoqsija. Tirċievi parir personalizzat fi żmien massimu ta' tmint ijiem ta' xogħol.*



## Suġġerimenti

- Iċċekkja l-artikoli tat-Trattat li jistgħu jintużaw bħala bażi legali valida għall-Kummissjoni biex tipproponi att legali tal-UE. Eżempji ta' ftit inizjattivi (ibbażati fuq deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-reġistrazzjoni): "We are a welcoming Europe, let us help!" Artikolu 77(2)(b), Artikolu 78(2), Artikolu 79(2), Artikolu 82(2)(c) u Artikolu 83(1) u (2) tat-TFUE; "Stop extremism": Artikolu 114, Artikolu 153, Artikolu 19 tat-TFUE
- Aqra l-artikoli tat-Trattat b'attenzjoni: L-artikoli li jirreferu għal "proċedura leġiżlattiva" (ordinarja jew speċjali) jistgħu jintużaw għal inizjattiva sakemm l-artikolu ma jsemmix b'mod speċifiku li istituzzjoni oħra mill-Kummissjoni tagħmel il-proposta. Jistgħu jintużaw ukoll artikoli oħrajn li jsemmu b'mod espliċitu li l-Kummissjoni hi responsabbli li tagħmel il-proposta.
- Ftakar: lista' ta' artikoli multipli mhux neċessarjament se tgħin fir-reġistrazzjoni!
- Eżamina mill-ġdid l-inizjattivi reġistrati li rnexxew għal aktar ideat kif ukoll dawk li kienet rifjutata r-reġistrazzjoni tagħhom.

---

*It-test hawn fuq hu intiż bħala gwida għall-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini. Ma jorbotx legalment lill-Kummissjoni Ewropea. Ma jiddikjarax li hi informazzjoni eżawrjenti u ma jirrappreżentax interpretazzjoni uffiċjali tat-test tat-Trattati. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli minn xi użu li jista' jsir tal-informazzjoni li tinsab hawn.*